# RIŻORSA 5



Din il-maskra tal-gass kienet iddisinjata apposta għat-tfal, biex tfakkarhom f'Mickey Mouse. Kienet tintuża fir-Renju Unit bejn l-1940 u l-1945. Dan l-oġġett huwa parti mill-kollezzjoni ta' Dar l-Istorja Ewropea.



Din l-iskultura, imsejħa "Guernica", saret mill-iskultur Franċiż René Iché (1897-1954) wara li sema' bil-bumbardamenti fuq il-belt Baska ta' Guernica fis-26 ta' April 1937, matul il-Gwerra Ċivili Spanjola, li saru minn ajruplani Ġermaniżi u Taljani fuq talba tan-Nazzjonalisti Spanjoli. René Iché mmudella l-iskultura tiegħu fuq ix-xbieha ta' bintu stess. Din l-iskultura hija parti mill-kollezzjoni ta' Dar l-Istorja Ewropea.

- X'turi din is-silta?
- Spjega f'sentenza waħda s-sinifikat u l-messaġġ ta' kull oġġett.
- X'rabta/rabtiet tista' tagħmel bejn l-erba' elementi – is-silta mill-kitba u ż-żewġ oġġetti?